MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 915/2011

Central Cement Limited (C 6108)
vs
JAJ Company Limited (C 22257)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti *ai termini* ta’ l-artikolu 167, *et sequitur*, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konfermat bil-gurament minn John Mary Sammut a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti u debitament awtorizzat mill-istess socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

**Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza**

1. Huwa direttur tas-socjeta` attrici rikorrenti.

2. Is-socjeta` attrici rikorrenti bieghet u kkunsinnjat lis-socjeta` konvenuta, fuq talba tal-istess socjeta` konvenuta, prodotti tas-*cement*, ghal-liema

konsenji ta' *cement* illum ghadu dovut mill-istess socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici bilanc ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u disgha u tletin euro u hamsa u erbghin centezmu (€33,439.45), u dana kif jirrizulta mir-rendikont datat 13 ta' Settembru 2011 (Dok. A).

3. Nonostante diversi talbiet ghall-hlas, inkluza talba permezz ta' ittra legali datata 2 t'Awwissu 2011 is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut; is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. John Mary Sammut (K.I. Numru 193051M) jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-Artikolu 167, *et sequitur*, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u disgha u tletin euro u hamsa u erbghin centezmu (€33,439.45) rapprezentanti r-rimanenti bilanc mill-valur ta' materjal mibjugh u konsenjat lilha u kif dettaljat fir-rikors guramentat.

Bl-imghax fuq l-ammonti dovuti skont ir-rendikont datat 13 ta' Settembru 2011, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

Xehed John Mary Sammut li ikkonferma d-dikjarazzjoni li kien ghamel meta ipprezenta r-rikors guramentat. Qal li minn dik il-gurnata sal-lum, is-socjeta` intimata ma hallset xejn u ghalhekk l-istess ammont ghadu dovut.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti filwaqt li qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €33,439.45 rapprezentanti r-rimanenti bilanc mill-valur ta' materjal mibjugh u konsenjat lilha.

Bl-imghax fuq l-ammonti dovuti skont ir-rendikont datat 13 ta' Settembru 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------